MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tat-23 ta' April, 2012

Numru 31/2009

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Brian Gialanze`**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuża numru 31 tas-sena 2009 kontra l-akkużat Brian Gialanze`, li bih huwa ġie akkużat talli:

1. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fl-Ewwel Kap illi għall-ħabta ta' Frar tas-sena elfejn u tnejn, Brian Gialanze, magħruf bħala "Il-Kaxxi" u ċertu Ronald Barbara kienu t-tnejn li huma jiffrekwentaw ċerti akkwati u lokalitajiet f'Marsaskala fejn solitament jiltaqgħu ż-żgħażagħ. Għal dik il-ħabta ta' Frar ta' l-2002, Ronald Barbara kien spiċċa relazzjoni li kellu ma' ċerta Sherelene Scicluna u li kienet ilha għaddejja għal madwar sena u nofs. Ronald Barbara xorta kien għadu jħoss għaliha. Din Sherelene kienet ukoll dak iż-żmien tiffrekwenta dawn l-ambjenti ta' Marsaskala u

hemmhekk, darba minnhom, iltaqgħet ma' Brian Gialanze' u saru ħbieb. Meta intebaħ b'din il-ħbiberija, Ronald Barbara ma ħax wisq gost. Ftit żmien wara, Ronald Barbara kellu battibekk ma' Sherelene Scicluna u din, wara, kienet marret tallega ma' Brian Gialanze li Ronald Barbara kien heddidha u wkoll qallha kliem kontra tiegħu.

Meta sema' dan id-diskors Brian Gialanze daħħalha f'moħħu li Ronald Barbara kellu jpattiha…qares. Brian Gialanze ried is- sudisfazzjon mingħand Ronald Barbara. B'hekk is-Sibt, tnejn (2) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn (2002) Brian Gialanze ddeċieda li jmur ma' sħabu f'Marsascala bil-għan waħdani li jpattiha lil Ronald Barbara. B'dan l-iskop f'moħħu, Brian Gialanze u l-klikka tiegħu li kienet tinkludi fiha nies bħal Joseph Bonello (magħruf bħala "Ix-Xiggi") u Jean Paul Agius (magħruf bħala "s-Swejj") hekk kif raw lil Ronald Barbara u sħabu mexjin ħdejn (dik li dak iż-żmien kienet id-Diskoteka "Reeds"), stiednu l-argument u fi ftit kliem għaqdu ġlieda u aggredew lil Ronald Barbara u lil sħabu. Dak in-nhar Ronald Barbara, apparti li qala' xebgħa tajba, ġie wkoll msawwat bi ktajjen tal-ħadid.

Din l-istorja ma waqfitx hemm. Għal Brian Gialanze, din ix-xebgħa li kien ta lil Ronald Barbara donnha ma kinetx biżżejjed. F'jum il- Ġimgħa, tmienja (8) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn (2002), ċioe' sitt ijiem biss wara din il-ġlieda, Brian Gialanze iddeċieda li jerġa' jmur Marsascala bil-għan li jerġa' b'xi mod jew ieħor jsib l-okkażjoni li jerġa' jiltaqa' ma' Ronald Barbara u jkompli l-argument. Pero din id-darba Brian Gialanze ħareġ mid-dar tiegħu armat b'mus (twil madwar tminn pulzieri fil-but tal-qalziet tiegħu), u fil-kumpanija ta' sieħbu Joseph Bonello magħruf bħala "Ix-Xiggi". Kif kien Marsaskala, għal ħabta tat- tmienja u nofs ta' filgħaxija, Brian Gialanze ra lil Ronald Barbara għaddej. Ronald Barbara ma kienx armat. Brian Gialanze stieden il- kliem… u kelma ġġib lill-oħra u reġgħu ġew fl-idejn….

Għalkemm viċin tagħhom kien hemm il-ħbieb rispettivi tagħhom, din id- darba pero' Brian Gialanze u Ronald Barbara bdew jiġġieldu bejniethom biss – raġel ma' raġel. Sħabhom ma ndaħlux fit-taqbida kif seħħ is-Sibt ta' qabel. Fit-taqtiegħa li seħħet u fl-isfond tal-fatt li Brian Gialanze kien mar preparat għal kollox, inkluż armat b'mus, Brian Gialanze sab ix- xoqqa f'moxtha, u għamel il-ħsieb u l-intenzjoni speċifika pożittiva u diretta li joqtol lil Ronald Barbara jew li jqegħidlu ħajtu f'perikolu ċar. Għalhekk f'mument minnhom ta' din it-taqbida, Brian Gialanze ħareġ il- mus li kien qed iġorr fil-but tal-qalziet li kien liebes u beda jagħti ripetutament b'dan il-mus lil Ronald Barbara : - u dak il-ħin Brian Gialanze ma qies xejn - dak il-ħin joqtlu ried...

Iżda dan l-attakk determinat u feroċi ġie miżmum u mwaqqaf minn grupp ta' żgħażagħ ħbieb u konoxxenti ta' Brian Gialanze u Ronald Barbara li ddeċidew li b'xi mod jew ieħor iwaqqfu lil Brian Gialanze milli jkompli jaggredixxi u jsawwat lil Ronald Barbara b'dan il-mus. Biss sadattant, Ronald Barbara kien diga' laħaq qala' diversi daqqiet ta' ponn u sarulu wkoll diversi abrażjonijiet f'wiċċu, fuq imnieħru u fuq moħħu b'dan il-mus. Iżda aktar gravi kienu dawk id-daqqiet l-oħra li saru wkoll b'dan il-mus fosthom inċiżjonijiet "incised wounds" fuq sidru u fuq l-ispalla ta' Ronald Barbara kif ukoll ġerħa "stab wound" fuq id-driegħ tax-xellug; l-agħar waħda kienet ġerħa oħra (stab wound) fuq żaqq Ronald Barbara li ħabtet eżatt fuq il-fwied. Dawn il-ġrieħi ġew ikoll magħmulin b'dan il-mus minn Brian Gialanze.

B'hekk Brian Gialanze ma laħaqx jikkonsma l-ħsieb doluż tiegħu li joqtol lil Ronald Barbara jew li jqegħidlu ħajtu f'perikolu ċar bid-daqqiet tal-mus mhux għax waqaf minn jeddu milli jagħmel dan, iżda għaliex kien proprju grazzi għall-intervent f'waqtu taż-żgħażagħ l-oħra li kienu preżenti fuq ix-xena tad-delitt li irnexxielhom ineħħu dan il-mus minn idejn Brian Gialanze.

Illi b'għemilu l-imsemmi Brian Gialanze sar ħati ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u ċioè talli, dolożament,

bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in bażi għall-fatti u għaċ-ċirkostanzi aktar 'il fuq imsemmija, akkuża lill- imsemmi Brian Gialanze, ħati ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u ċjoè talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall- eżekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu u talab li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Brian Gialanze u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn sebgħa snin sa tletin sena b'żieda tal-piena tar-reklużjoni għal mhux aktar minn tnax-il perijodu, jew żieda ta' pieni oħra stabbiliti fir-regolamenti tal-ħabs, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 211(1)(2), 17(h), 23, 31(1)(a)(b)(i)(ii) u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fiż-żmien u fiċ- ċirkostanzi msemmija fl-ewwel kap ta' dan l-att ta' akkuża u speċifikament nhar il-Ġimgħa, tmienja (8) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn (2002), Brian Gialanze mar Marsaskala bil-għan li b'xi mod jew ieħor jsib l-okkażjoni li jerġa jiltaqa' ma' Ronald Barbara wara li sitt ijiem qabel kellhom argument u li fih kien sawwat lill-istess Ronald Barbara. Pero` din id-darba Brian Gialanze ħareġ mid-dar tiegħu armat b'mus (twil madwar tmien pulzieri) fil-but tal-qalziet tiegħu. Fil-kumpanija ta' sieħbu Joseph Bonello magħruf bħala "Ix-Xiggi" reħielha lejn Marsaskala. Kif kien Marsaskala, għal ħabta tat-tmienja u nofs ta' filgħaxija, Brian Gialanze ra lil Ronald Barbara għaddej. Ronald Barbara ma kienx armat. Brian Gialanze stieden il-kliem u reġgħu ġew fl-idejn. Waqt li kienet għaddejja din il-ġlieda bejniethom biss – raġel ma' raġel Brian

Gialanze sab ix-xoqqa f'moxtha, ħareġ il-mus li kien qed iġorr fil-but tal-qalziet li kien liebes u beda jagħti ripetutament b'dan il-mus lil Ronald Barbara b'mod li ried joqtlu.

Illi b'għemilu l-imsemmi Brian Gialanze sar ħati talli, fil-ħin li għamel delitt volontarju kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari, u dan mingħajr għan leġittimu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti narrati u taċ-ċirkostanzi aktar 'il fuq imsemmija akkuża lill- imsemmi Brian Gialanze, ħati talli, fil-ħin li għamel delitt volontarju kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar u arma regolari, u dan mingħajr għan leġittimu u talab li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 19, 26(a) u 27 ta' l-Ordinanza dwar l-Armi [Kap. 66], u l- artikoli 17(h), 23 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fiż-żmien u fiċ- cirkostanzi msemmija fl-ewwel u fit-tieni kap ta' dan l-att ta' akkuża, u ċjoè nhar il-Ġimgħa, tmienja (8) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn (2002) għal ħabta tat-tmienja u nofs ta' fil-għaxija, Brian Gialanze f'Marsaskala, kellu fuq il-persuna tiegħu mus mingħajr ma kien debitament liċenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija. L-akkużat fil-fatt ta diversi daqqiet f'wiċċ, fid-dirgħejn u żaqq ta' Ronald Barbara b'dan il-mus kif ġjà spjegat fl-ewwel kap ta' dan l-att ta' akkuża.

Illi b'għemilu l-imsemmi Brian Gialanze sar ħati talli, kellu f'idejh jew fuqu sikkina b'xafra bil-ponta jew strument ieħor bil-ponta mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, akkuża lill-imsemmi Brian Gialanze, ħati talli, kellu f'idejh jew fuqu sikkina b'xafra bil-ponta jew strument ieħor bil-ponta mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija; u talab li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' multa ta' mhux iżjed minn ħamsin Liri Maltin ekwivalenti għal mija u sittax il-Euro sitta u erbgħin ċenteżmi (€116.46) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 13(1) ta' l-Ordinanza dwar l-Armi [Kap. 66], u l-artikoli 23, 17(h) u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba` Kap illi fiż-żmien u fiċ-cirkostanzi msemmija fl-ewwel kap ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioe' nhar il-Ġimgħa, tmienja (8) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn (2002) għal ħabta tat-tmienja u nofs ta' fil-għaxija, Brian Gialanze, f' Marsaskala, dolożament, bil-ħsieb li joqtol lil Ronald Barbara, jew bil-ħsieb li jqiegħed il-ħajja tiegħu f'periklu ċar, ħebb għalih u tah diversi daqqiet ta' mus tant li Barbara sofra diversi feriti f'wiċċu, dirghejh u f'żaqqu. Dak il-ħin kienu għaddejin diversi persuni fl-inħawi u dan l-aġir kriminali ta' l-akkużat kien tali li nissel tħassib f'moħħ dawn il-persuni dwar l-inkolumità fiżika tagħhom.

Illi b'għemilu l-imsemmi Brian Gialanze sar ħati talli, kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u ċirkostanzi aktar il-fuq imsemmija, akkuża lill-imsemmi Brian Gialanze, ħati talli, kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u talab li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' detenzjoni għal żmien xahrejn skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 338(dd) u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew

għal kull piena oħra li tista’ skond il-ligi tingħata għall-ħtija ta’ l- imsemmi akkużat.

5. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fil-Raba` Kap illi fiż-żmien u fiċ- cirkostanzi msemmija fl-ewwel kap ta’ dan l-att ta’ akkuża, u ċjoe nhar il-Ġimgħa, tmienja (8) ta’ Marzu tas-sena elfejn u tnejn (2002) għal ħabta tat-tmienja u nofs ta’ fil-għaxija, Brian Gialanze, f’ Marsaskala, dolożament, bil-ħsieb li joqtol lil Ronald Barbara, jew bil-ħsieb li jqiegħed il-ħajja tiegħu f’periklu ċar, ħebb għalih u tah diversi daqqiet ta’ mus tant li Barbara sofra diversi feriti f’wiċċu, dirgħejh u f’żaqqu. Waqt li kien qiegħed jiġi arrestat, Brian Gialanze dar fuq Ronald Barbara u qallu li din l-istorja ta’ bejniethom ma kinetx ser tieqaf hemmhekk, u li kien ser ipattihielu.

Illi b’għemilu l-imsemmi Brian Gialanze sar ħati talli, għamel inġurji u theddid lil Ronald Barbara

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f’isem ir-Repubblika ta’ Malta, fl-isfond tal-fatti u ċirkostanzi aktar ‘il fuq imsemmija, akkuża lill-imsemmi Brian Gialanze, ħati talli għamel lil ħaddieħor inġurji jew theddid mhux imsemmijin band’oħra fil-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, jew jekk kien provokat, inġurja b’mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni u talab li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta’ detenzjoni għal żmien xahrejn skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 339(1)(e) u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista’ skont il-ligi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha proċesswali, inklużi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-Rikors Konġuntiv tal-Avukat Generali u tal-akkużat Brian Gialanze`, tal-20 ta’ April, 2012, fejn, wara li ddikjaraw li kienu qed jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali li fl-eventwalita’ li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkużat għall-akkużi miġjuba kontrih bl-alternattiva għall-Ewwel Kap tal-Akkuża kif suġġerita mill-Avukat Ġenerali, il-piena li għandha tiġi inflitta fuqu minn din il-Qorti għandha tkun waħda ta’

priġunerija għal periodu ta'  sentejn liema piena għandha tkun sospiża għal perjodu ta' erba' snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 u dan oltre s-sanzjonijiet u konsegwenzi oħra tassattivi għad-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9).

Rat in-Nota ta' l-Avukat Generali tal-20 ta' April, 2012, li biha in vista tal-possibbli ammissjoni tal-akkużat fit-termini tar-rikors konġuntiv tal-20 ta' April, 2012, iddikjara li huwa dispost illi f'każ li l-akkużat jammetti r-reat taħt l-artikoli 41(1)(a) u 218(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali huwa jaċċetta din l-ammissjoni bħala alternattiva għall-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża.

Rat illi waqt is-seduta tal-lum, l-akkużat, mistoqsi jekk huwiex ħati skont l-Att tal-Akkuża bl-alternattiva proposta mill-Avukat Ġenerali għall-Ewwel Kap tal-Akkuża, wieġeb billi stqarr li huwa kien ħati tar-reati hemm dedotti kontra tiegħu bl-alternattiva proposta mill-Avukat Ġenerali għall-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkużat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-tweġiba u tatu ftit taż-żmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li tagħmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkużat baqa' jtenni t-tweġiba li huwa kien ħati.

Tiddikjara għalhekk lill-ħati Brian Gialanze`, ħati talli:

1. għall-ħabta ta' Frar 2002, f'Marsaskala, b'għemilu, mingħajr il-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar,iżda b'liema għemil seta' kkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġib difett f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ,  wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt ta' offiża gravi, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu u dana skont l-alternattiva proposta mill-Avukat Ġenerali għall-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża.

2. nhar il-Ġimgħa 8 ta’ Marzu, 2002, f’Marsaskala, fil-ħin li għamel delitt volontarju kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar u arma regolari, u dan mingħajr għan leġittimu, u dana skont it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża.

3. fit-8 ta’ Marzu, 2002, għall-ħabta tat-8.30 p.m. f’Marsaskala, kellu f’idejh jew fuqu sikkina b’xafra bil-ponta jew strument ieħor bil-ponta mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, u dana skont it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuża.

4. fit-8 ta’ Marzu, 2002, għall-habta tat-8.30 p.m. f’Marsaskala, kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, u dana skont ir-Raba` Kap tal-Att tal-Akkuża;

5. fit-8 ta’ Marzu, 2002, għall-habta tat-8.30 p.m. f’Marsaskala, għamel lil ħaddieħor inġurji jew theddid mhux imsemmijin band’oħra fil-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, jew jekk kien provokat, inġurja b’mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni, u dana skont il-Hames Kap tal-Att tal-Akkuża.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-ħati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti u eżaminata mid-difiża.

Qieset li l-ammissjoni saret qabel ma ġie iffurmat il-ġuri, li pero’ ma tistax tissejjaħ waħda bikrija għaliex la saret mal-preżentata b’arrest tal-ħati u lanqas saret waqt il-kumpilazzjoni.

Qieset ukoll li l-piena li sar qbil fuqha bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiża hija fil-parametri tal-Liġi.

Għalhekk din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 13(1), 19, 26(a) u 27 ta’ l-Ordinanza dwar l-Armi (Kap. 66) kif ukoll l-artikoli 41(1)(a), 218(1)(a), 17(h), 23, 31(1)(a)(b)(i)(ii), 338(dd), 339(1)(e) u 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-ħati Brian Gialanze` għall-piena ta' sentejn prigunerija li ai termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali għandha tkun sospiża għal perjodu ta’ erba’ snin. Il-Qorti qed twissi lill-ħati bil-konsegwenzi serji li sejjer ikun hemm jekk kemm-il

darba matul dawn l-erba’ snin il-ħati jwettaq xi reat. Fi ftit kliem, jekk jinstab ħati ta’ xi reat ġdid matul l-erba’ snin li ġejjin, il-piena ta’ llum tiżdied ma’ dik li tkun imposta għar-reat il-ġdid.

Inoltre tikkundannah iħallas lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta' import tal-ispejjeż peritali inkorsi f' din il-kawża u ċioe’ disa’ mija u sitt Ewro u tmienja w erbghin ċenteżmu (€906.48) liema spejjeż peritali jekk ma jithallsux fi żmien sitt xhur mil-lum jiġu konvertiti f’terminu ta’ priġunerija skont il-Liġi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------